**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar is-26 ta' Ġunju 2025

Avviż Numru: 277/2024NHV

**Mario Fenech**
K.I.259163M

**vs.**

**Layton Limited**
C-70805

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2024, li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' disat'elef erba' mija tmienja u tletin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€9438.32), rappreżentanti in kwantu għal sebat'elef, tmien mija u wieħed u tletin ewro (€7831), VAT inkluż, bħala kommissjoni dovuta lilu qua "Ibraġġ Branch Manager" tas-soċjetà intimata fuq il-kuntratt ippubblikat nhar it-12 ta' Frar 2023 u nhar il-21 ta' Marzu 2023 in atti Nutar Dr. Sam Abela, u fuq il-kuntratt ippubblikat nhar it-12 ta' April 2023, in atti Nutar Dottor Ritienne Fenech u in kwantu għal elf sitt mija u seba' ewro u żewġ ċenteżmi

(€1607.02) rappreżentanti spejjeż kurrenti li l-mittent għamel bħala "Ibraġġ Branch Manager" tas-soċjetà intimata, dovuta skont statement unit u mmarkat bħala Dokument A;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Lulju 2024 u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra uffiċċjali, kontra s-soċjetà intimata, bir-rappreżentanti tagħha minn issa nġunti sabiex jidhru personalment għas-subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mill-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Layton Limited iżda din naqset milli tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

Rat illi l-ammonti mitluba ta' sebat'elef, tmien mija u wieħed u tletin ewro (€7831) u elf sitt mija u seba' ewro u żewġ ċenteżmi (€1607.02) flimkien jagħmlu s-somma ta' disat'elef erba' mija tmienja u tletin ewro u tnejn żewġ ċenteżmi (€9438.02) u mhux ta' disat'elef erba' mija tmienja u tletin ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€9438.32). Kwindi hemm diskrepanza minima ta' tletin ċenteżmu li qed tmur favur is-soċjetà konvenuta;

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba tiegħu u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta Layton Limited tħallas lill-attur is-somma ta' disat'elef erba' mija tmienja u tletin ewro u tnejn żewġ ċenteżmi (€9438.02) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra

uffiċċjali fl-ismijiet premessi li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Lulju 2024, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tas-soċjetà konvenuta.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur